MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 454/2003

Kawza fil-lista: 52

**Direttur tad-Dipartiment tal-Bini u Ingenerija**
**Vs**
**Joseph Gatt**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Peress illi b'ittra ta' accettazzjoni tat-*tender* numru LA/SC398/96 tas-16 ta' Ottubru 1996, li kopja taghha hija hawn annessa u mmarkata Dok. 'A', id-Direttur tal-Bini u Inginerija fi hdan it-Taqsima tax-Xogholijiet accetta l-offerta tal-konvenut li ha l-appalt ghar-restawr ta' l-orgni barokk tal-Knisja tal-Vittorja, fil-Belt Valletta ghall-prezz ta' elf u seba' mitt lira Maltin (Lm1,700);

Peress illi skond l-imsemmija ittra ta' accettazzjoni, dawn ix-xogholijiet kellhom ikunu lesti fi zmien massimu ta' sitt (6) xhur mid-data illi l-konvenut jircievi l-imsemmija ittra ta' accettazzjoni;

Peress illi ai termini ta' l-imsemmija ittra ta' accettazzjoni, jekk il-konvenut fil-process ta' restawr, jigi a konoxxenza ta' xi hsara li ma kienetx inkluza fl-istima originali, l-istess konvenut setgha biss jipprocedi b'din it-tiswija biss wara li jottjeni l-approvazzjoni tal-persuna inkarigata mid-Dipartiment;

Peress illi l-konvenut talab u ottjena l-approvazzjoni imsemmija u nharget it-tieni ittra ta' accettazzjoni in-numru LA/SC320/99 datata 4 ta' Ottubru 1999, kopja annessa u mmarkata Dok. 'B', illi permezz taghha l-attur filwaqt illi fakkar lill-konvenut illi x-xoghol kellu jitlesta sa l-ahhar ta' Gunju 1999, l-attur accetta li jirristawra din il-hsara ghall-prezz ta' Lit. 4,678,000 flimkien ma' tnax-il Lira Maltin (Lm12) rapprezentanti spejjez relatati;

Peress illi skond l-offerta mressqa mill-konvenut u accettata mill-attur, ix-xoghol ta' restawr kellu jigi konkluz sa l-ahhar ta' Gunju 1999;

Peress illi sallum lill-konvenut thallset is-somma komplessiva ta' elfejn, mija u wiehed u sebghin Lira Maltin u wiehed u hamsin (Lm2,171.51) rapprezentanti prezz ta' xoghol ta' restawr u spejjez relatati;

Peress illi minkejja illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex irodd lura l-orgni armat u fi stat tajjeb ta' tiswija, l-istess konvenut baqa inadempjenti.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

1. Tiddikjara li l-kuntratt ta' appalt ghar-restawr ta' l-orgni barokk bejn l-attur u l-konvenut jigi rexiss u annullat u dana ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija.

2. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur bhala konsegwenza tal-ksur tal-kuntratt da parti tieghu.

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrifondi s-somma ta' Lm2,171.51 li thallset akkont tal-prezz, imhallas ghall-istess xoghol, u ghal spejjez relatati, bl-imghax u sabiex jintradt lura l-orgni barokk.

4. Tillikwida, okkorendo b'nomina ta' perit, d-danni msemmija fit-tieni talba ta' din ic-citazzjoni.

5. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-19 ta' Lulju 2001 kontra l-konvenut u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut debitament notifikat bl-att tac-citazzjoni, bl-avviz tas-smigh u bid-dokumenti prezentati, baqa' kontumaci;
Rat l-affidavits prezentati;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Ikkunsidrat;

Illi rrizulta nkontestat u provat li fis-16 ta' Ottubru 1996 il-konvenut gie moghti appalt mill-attur sabiex jaghmel xoghol ta' restawr u xogholijiet ohra fuq orgni barokk li f' dak iz-zmien kien jinsab fil-Knisja tal-Vitorja fil-Belt Valletta, liema xoghol kellu jigi esegwit sa l-ahhar ta' Gunju 1999.

Illi nonostante li l-attur kien hallas lill-konvenut ammonti ta' flus li komplessivament jammontaw ghas-somma ta' Lm2,171.51 bhala prezz ta' xoghol u spejjez kif indikat fil-prospett markat dok.GM1 a fol.26 tal-process, u nonostante li fid-dati indikati fl-istess prospett l-attur hallas wkoll ammonti ulterjuri ammontanti komplessivament ghas-somma ta' Lm831.29 spejjez addizzjonali kif muri fl-istess prospett, il-konvenut baqa' inadempjenti u ma esegwiex l-appalt minnu assunt.

Illi dawn il-fatti jirrizultaw provati mill-affidavits prezentati mill-attur u mid-dokumenti annessi. Inoltre, ma humiex kontestati mill-konvenut.

Illi in vista tal-premess, il-Qorti hi tal-fehma li l-attur huwa gustifikat li jitlob it-terminazzjoni tal-kuntratt, stante l-inadempjenza kontrattwali da parti tal-konvenut li jissodisfa l-obbligu minnu assunt, nonostante li dan thallas tax-xoghol li kellu jaghmel. Ghalhekk l-ewwel talba timmerita li tigi milqugha, kif ukoll it-tielet talba in kwantu ghall-kundanna tal-konvenut biex jirritorna l-orgni in kwistjoni.

Illi rigward it-talba ghar-refuzjoni tal-flus imhallsa mill-attur, kemm bhala prezz ta' xoghol kif ukoll bhala spejjez addizzjonali relatati mal-appalt, u it-talba ghad-danni, il-Qorti tirrileva li mill-provi ma jirrizultax li sar xi x-xoghol fuq dan l-orgni u li l-parts mixtrija gew effettivament utilizzati ghall-appalt in kwistjoni. Mill-affidavits prezentati, ghalkemm jirrizulta provat li l-orgni kien gie zarmat mill-konvenut u li kien gie trasportat fir-residenza tieghu, jirrizulta li dana sussegwentement evita diversi darbi li jiltaqa' kemm ma' l-attur, kif ukoll ma' Ray Bondin il-Ko ordinatur Esekuttiv tal-Valletta Rehabilitation Project.

Fl-affidavit tieghu dan jghid hekk: " ghamilt diversi tentattivi sabiex niltaqa' mas-sur Gatt fil-Knisja tal-Vitorja izda is-sur Gatt qatt ma gie <u>anzi kien jinjora kull tentattiv tieghi</u>. Illi cempilt[lu] … diversi drabi sabiex inkun nista' mmur fil-post fejn kien qieghed jaghmel ix-xoghol ta' restawr, izda t-tentattivi tieghi kienu ghal xejn."[1] Jghid ukoll li sallum il-konvenut ghadu ma rritornax l-orgni fil-Knisja.

Illi f' dawn ic-cirkostanzi, gjaladarba ma rrizultax li l-konvenut ghamel xoghol fuq l-orgni in kwistjoni, kif ukoll ma rrizultax li l-flus mghoddija lilu ghax-xiri ta' parts gew effettivament impjegati ghall-eskuzzjoni tal-appalt de quo, it-talbiet attrici ghar-rifuzjoni tal-ammont ta' Lm2,171.51

[1] Fol.53 -sottolinear

mhallas lilu kif fuq indikat, kif ukoll ghal-likwidazzjoni tad-danni fl-ammont ta' Lm831.29 huma gustifikati u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, fil-kontumacja tal-konvenut tilqa' t-talbiet attrici; u
[1] tiddikjara rexiss il-kuntratt ta' appalt indikat fic-citazzjoni;
[2] tikkundanna lill-konvenut jirritorna lill-attur fi zmien gimgha l-orgni barokk in kwistjoni;
[3] tikkundanna lill-konvenut sabiex dana jirrifondi lill-attur is-somma ta' elfejn mija wiehed u sebghin lira maltin u wiehed u hamsin centezmu [Lm2,171.51] flimkien mal-imghax legali;
[3] tillikwida d-danni dovuti mill-konvenut lill-attur in konnessjoni mal-appalt odjern fl-ammont ta' tmien mija wiehed u tlein lira maltin u disa u ghoxrin centezmu [Lm831.29]; u
[4] tikkundanna lill-istess konvenut jhallas lill-attur din is-somma ulterjuri ta' Lm831.29;

Bl-ispejjez kif mitluba a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------